MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tad-9 ta' Mejju, 2007

Appell Civili Numru. 515/2004/1

**Abel Adrian Balzan**

**vs**

**Joseph Aquilina**

**Il-Qorti,**

Fil-5 ta' Dicembru, 2006, il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz fuq indikat datat id-29 ta' Settembru tas-sena 2004 li permezz tieghu l-attur sejjah lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:

1. Illi jhallas lill-attur is-somma bilancjali fl-ammont ta' elf, seba' mija u tletin Lira Maltin,

(LM1,730.00,0), flimkien ma' l-imghax legali mis-7 ta' Awissu tas-sena 2004 sal-gurnata tal-hlas effettiv, (kif ukoll ta' l-ispejjez kollha konsegwenti dawn il-proceduri, inkluzi dawk tal-mandati kawtelatorji prezentati kontestwalment ma' dan l-aviz ta' l-ittra bonarja tal-5 ta' Mejju tas-sena 2004 u ta' l-ittra ufficcjali datata it-30 ta' Lulju tas-sena 2004), u dan prevja d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti opportuni f'dan il-kaz u dan wara li l-konvenut waqaf milli jonora l-obbligi tal-hlas kif assunti minnu permezz ta' kitba privata datata il-21 ta' Lulju tas-sena 2003 (Dok. A), u dan minkejja li gie nterpellat sabiex jottempora ruhu bl-ittra legali tal-5 ta' Mejju tas-sena 2004 u b'ittra ufficcjali tat-30 ta' Lulju tas-sena 2004 u minkejja tali nterpellazjonijiet, huwa baqa' inadempjenti;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata s-17 ta' Novembru tas-sena 2004 li permezz taghha l-konvenut ecepixxta s-segwenti;

1. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda u dana peress illi fil-fatt l-attur huwa debitur tal-eccipjenti fl-ammont ta' tlett elef, mija u sebgha u hamsin Lira Maltin, (LM3,157.00,0), u dana kif espost u mitlub fil-kontro-talba intavolata kontestwalment ma' dina n-nota ta' l-eccezzjonijiet. Illi ghalhekk isegwi illi l-esponent fil-fatt ghandu jiehu flus minghand l-attur u dana kif ser jirrizulta waqt il-kawza;

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

3. Bl-ispejjez;

Rat il-kontro-talba tal-konvenut Joseph Aquilina wkoll datata s-17 ta' Novembru tas-sena 2004 li wara li ppremetta s-segwenti:

1. Illi l-esponenti kien jiggestixxi flimkien ma' l-attur Abel Adrian Balzan il-hanut ossia bar bl-isem ta' "Ossie Bar" gewwa Bir id-Deheb, Ghaxaq;

2. Illi l-ispejjez kollha u d-dhul li jirrendi l-hanut in kwistjoni kienu jigu sapportati minn l-esponent u l-attur f'ishma indaqs;

3. Illi l-attur kien iddecieda li ma jibqax fi shab ma' l-esponent u b'hekk sar ftehim dwar il-flus li huwa kellu jiehu minn l-imsemmija gestjoni tal-hanut;

4. Illi ser jirrizulta, li fil-fatt l-attur Balzan qatt ta' avvicina lill-esponenti sabiex jigi konkluz il-ftehim tad-dejn li kien gravanti l-attivita' li l-partijiet Balzan u Aquilina kienu jiggestixxu flimkien, liema dejn kif inghad kellu jigi sapportat f'ishma indaqs bejn il-partijiet;

5. Illi jirrizulta fil-fatt li l-esponenti ghandu jhallas is-sehem tieghu lill-esponenti rapprezentanti sehmu ta' dejn gravanti l-gestjoni tal-bar imsemmi, liema djun jammontaw ghal tlett elef, mija u sebgha u hamsin Lira Maltin, (LM3,157.00,0);

Sejjah lill-attur Abel Adrian Balzan biex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:

1. Illi huwa debitur tal-esponenti Joseph Aquilina fl-ammont ta' tlett elef, mija u sebgha u hamsin Lira Maltin, (LM3,157.00,0), rapprezentanti sehem l-istess ri-konvenut mid-dejn sad-data ta' meta huwa kien bi shab ma' l-esponent fil-gestjoni tal-bar "Ossie Bar", f'Bir id-Deheb, Ghaxaq;

2. Illi jhallas is-somma ta' tlett elef, mija u sebgha u hamsin Lira Maltin, (LM3,157.00,0), lill-konvenut;

3. Bl-ispejjez u b'hekk il-konvenut jibqa' ngunt ghas-subizzjoni;

Rt in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-attur datata s-6 ta' Dicembru tas-sena 2004 li permezz taghha l-attur eccepixxa s-segwenti:

1. Illi t-talbiet tal-konvenut rikonvenjenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra tal-konvenut;

2. Illi l-attur ma ghandux jaghti flus lill-konvenut stante li meta ntlahaq il-ftehim ta’ bejn il-partijiet il-pendenzi kollha bejn il-partijiet kienu gew determinati u rrizulta kjarament li kien il-konvenut id-debitur (skond kif indikat fil-ftehim bejn il-partijiet u kif jidher ukoll mill-avviz tat-talba) versu l-attur rikonvenut;

3. Illi l-konvenut kien beda jwettaq l-arrangament ta’ bejn il-partijiet dwar l-ammonti bilancjali dovuti lill-attur billi hallas parti mid-debitu dovut minnu lill-attur u dan bla rizervi u bla kundizzjoni;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Hadet in konsiderazzjoni l-verbal tal-partijiet datat is-17 t’Ottubru tas-sena 2006 fejn il-hanut meritu ta’ din il-kawza jinkiteb “Aussie Bar” u mhux “Ossie jew Ossy Bar”;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi permezz ta’ skrittura privata datata l-21 ta’ Lulju tas-sena 2003, il-partijiet f’din il-kawza ghazlu li ma jibqghux aktar jiggestixxu l-hanut tax-xorb maghruf bl-isem ta’ “Aussie Bar” ta’ Bir id-Deheb, flimkien;

2. Illi fl-iskrittura de quo, il-partijiet qabblu s-segwenti:

a. Illi l-attur jircievi elfejn, seba' mija u hamsin Lira Maltin, (LM2,750.00,0), minghand il-konvenut bhala sehemu mill-“goodwill” tal-proprjeta';

b. Illi l-partijiet qabblu wkoll fuq il-metidologija ta' kif kellu jsir dan il-pagament indikat fil-paragrafu precedenti;

c. Illi l-konvenut kellu jiehu f'idejh il-kera kollha tal-fond de quo;

d. Illi allura l-istess konvenut kien qed jinghata l-fakulta' li jkun intitolat ghall-“cashflow” dovut mill-bejgh tal-hanut flimkien ma' l-istokk u l-oggetti fl-istess hanut li setghu qabel gew mixtrija bi shab;

e. Illi allur al-konvenut Aquilina kien qed jassumi responsabbilita' ghall-kera u manutenzjoni tal-fond, flimkien ma' kull spiza ohra konnessa mal-gestjoni tal-hanut de quo;

f. Illi l-atturallura ma jkunx aktar responsabbli ghal xi djun fir-rigward u jkompli jahdem fl-imsemmi hanut sa mhux aktar minn sitt (6) xhur u jintrabat li jaghti xahar (1) pre-evviz met jiddeciedi li jitlaq;

g. Illi l-ftehim in dizamina jsir effettiv mal-firem tal-kontroenti;

Ikkunsidrat:

Illi in esekuzzjoni tal-kundizzjonijiet hekk pattwiti l-konvenut ghamel diversi pagament lill-attur izda ma jirrizultax li hallas l-ammont kollu minnu dovut;

Illi effettivament l-attur isostni u pprova li l-ammont minnu mitlub fl-avviz promotur ghadu lilu dovut mill-konvenut;

Ikkunsidrat:

Illi da parte tieghu il-konvenut isosti li l-attur ghandu jaghtih tlett elef, mija u sebgha u hamsin Lira Maltin, (LM3,157.00,0);

Illi pero', minn analizi tax-xhieda prodotta u tad-dokumenti esebiti, dan ma giex ippruvat skond il-ligi ghas-sodisfazzjoni ta' din il-qorti;

Ghaldaqstant din il-qorti filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet tal-konvenut u l-kontro-talbiet tieghu, takkolji t-talbiet attrici flimkien ma' l-eccezzjonijiet tieghu ghall-kontro-talbiet tal-konvenut u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut Joseph Aquilina biex ihallas lill-attur Abel Adrian Balzan l-ammont ta' elf, seba' mija u tletin Lira Maltin, (LM1,730.00,0), kif dedotti, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti skond il-ligi."

Bl-appell tieghu kontra din is-sentenza l-konvenut jilmenta li s-sentenza tal-Qorti ta' l-ewwel grad hi priva minn konsiderazzjoni xierqa tal-kontro-talba tieghu u ta' l-eccezzjonijiet opposti ghat-talba ta' l-attur. Minn dak sottomess minnu skond l-interpretazzjoni tieghu ta' l-iskrittura ta' ftehim bejn il-partijiet l-attur ma kellux ikun mehlus milli jaghmel tajjeb, bil-kwota ta' sehmu, ghad-debiti pre-ezistenti din l-istess skrittura;

Il-ftehim bejn il-kontendenti, konkjuz bl-iskrittura tal-21 ta' Lulju 2003 (ara kopja a fol. 2), jidher evidentement intiz biex itemm is-shubija bejn il-partijiet tal-gestjoni flimkien tal-hanut "Aussie Bar", Bir id-Deheb. Fiha gie appattwit illi l-attur kellu jircievi minghand il-konvenut import tas-somma fl-istess skrittura stabbiliti bhala sehmu mill-avvjament tal-hanut. Mill-bqija gie akkordat illi l-konvenut kien qed jassumi t-tmexxija u l-inkwilinat f' ismu tal-hanut, l-introjti kollha minnu u l-isborzament ta' dak kollu konness mal-gestjoni tieghu;

Huwa indubitat mit-termini ta' l-precitata skrittura ta' ftehim illi l-konvenut appellant kien qed jirrikonoxxi li hu debitur

ta' l-attur. Dan fil-verita mhux negat minnu. Huwa pero` jikkontendi illi kull debitu tal-gestjoni flimkien tal-hanut, pre-ezistenti ghax-xoljiment tas-shubija, kellu jkun regolat bil-modalita tal-partecipazzjoni tal-qliegh u l-perditi fil-vigenza tas-shubija, ossia f' ishma ndaqs. Ghalhekk il-kontro-talba minnu mressqa;

Manifestament, la z-zewg partijiet jirrikorru ghall-iskrittura ta' ftehim, il-materja hawn involuta hi wahda ta' l-interpretazzjoni taghha. Senjatament, ir-ricerka ta' dik l-intenzjoni konfluwita fil-volonta komuni li ssigillat il-ftehim u li skond l-Artikolu 992 Kodici Civili tikkostitwixxi l-ligi tal-kuntratt;

Dejjem skond il-kanoni ta' l-ermenewtika legali f' materja ta' interprezzajoni l-gudikant ghandu fl-ewwel lok jillimita ruhu ghall-ezami tas-sens letterali tal-kliem tal-ftehim in kwantu, kif maghruf u dettat mill-Artikolu 1002 Kodici Civili, il-volonta` komuni temergi b' mod cert u immedjat mill-espressjonijiet uzati. Hu biss meta l-gudikant ma jistax jasal b' dan il-kriterju, ghaliex, forsi, l-espressjonijiet ikun ambigwi jew insufficjenti biex jiddeterminaw il-volonta` negozjali effettiva, illi hu ghandu jfittex l-intenzjoni tal-partijiet (Artikolu 1003 Kodici Civili). Ara f' dan is-sens **Kollez. Vol. XXXIV P I p 27** u "**Stanislao Cassar *et* -vs- Chev. Antonio Cassar**", Appell, 15 ta' Dicembru 1995. Ghandu jigi rilevat ukoll illi in via sussidjarja l-gudikant jista' jezamina l-kondotta persegwita mill-kontendenti, kemm fil-fazi anterjuri ghall-istipulazzjoni tal-ftehim, kemm fil-fazi tal-konkluzjoni tieghu u, ukoll, dik posterjuri ghalih;

Dan premess, jidher mill-posizzjonijiet taz-zewg kontendenti illi huma qed jaghtu interpretazzjoni diversa lill-patt numru (6) tal-ftehim li jipprovdi illi "*after this agreement has been signed Mr Adrian Balzan will no longer be responsible for any commitments or debts entered into on behalf of Mr Joseph Aquilina and Aussie Bar*". Ghall-appellanti dan il-patt kien progettat ghal futur mill-mument li fih l-attur konsocju telaq mit-tmexxija tal-

hanut. Invece skond l-appellat dak l-istess patt kien jirreferi ghal kwalunkwe obbligi u djun ezistenti u dovuti fid-data ta' l-iskrittura;

Huwa essenzjali illi qabel kull konsiderazzjoni ta' dawn iz-zewg veduti kontrastanti l-Qorti tirriproduci dawn id-dikjarazzjonijiet saljenti estratti mix-xhieda ta' l-appellant (fol. 69 *et sequitur*):

(1) Jien u l-attur ma ftehmniex kif ser inhallsu d-dejn li kellna. Il-*commitment* li nirreferi ghalih fl-artikolu (6) huma dawk illi dhalna ghalihom flimkien. Id-djun ghamilnihom flimkien;

(2) Rigward l-ammont pretiz bil-kontro-talba "nghid illi ma semmejtlu xejn minn dan lill-attur Balzan;

(3) Jien bdejt inhallsu (lill-attur) skond kif obbligajt ruhi fil-ftehim;

(4) Jien ghidtlu li kont lest naghtih hames mitt lira biex ma nigux il-Qorti. Jien pproponejtlu li nhallas hames mitt lira u ma jkollniex aktar x' naqsmu flimkien;

Huwa intwittiv b' mod generali minn dawn id-dikjarazzjonijiet ta' l-istess appellant illi l-patt riportat kien anke ghalih ikopri l-ipotesi tad-djun li talvolta kien ezistenti sal-mument ta' l-iffirmar tal-ftehim, ukoll jekk dawn ma kienux specifikament imsemmija. Kieku ma kienx hekk wiehed ragonevolment kien jistenna li l-appellanti jaghmel rizerva dwarhom jew ghallanqas jesprimi ruhu fil-proceduri bi kliem xort' ohra minn kif dikjarat minnu. Jekk, cionostante, kif minnu issa sottomess fil-korp ta' l-appell il-patt imsemmi kellu aktar minn sens wiehed ghandu jinghad li fid-dubbju dan ghandu jkun intiz fis-sens l-aktar konvenjenti ghan-natura u l-oggett tal-ftehim (Artikolu 1005, Kodici Civili). Ftehim dan mahsub u intiz mhux biss li jtemm is-shubija imma wkoll li jezawrixxi l-pendenzi kollha. Irid jinghad, imbaghad, illi hu wisq difficli ghal din il-Qorti illi l-imgieba assunta mill-appellanti, *a posteriori* tal-

ftehim, bl-effetwazzjoni tal-hlas lill-attur tas-somma konkordata, hi konciljabbli ma' kondotta f' min kien qed jippretendi li hu wkoll kreditur tal-persuna li lilha kien qed ihallas. Il-verita tidher li hi dik li l-appellanti ried jirreduci l-bilanc li kien ghad baqalu jhallas skond il-ftehim u mhux ghaliex din kienet b' xi mod rikondotta ghal dik il-volonta tieghu fit-termini u l-mument ta' l-istipulazzjoni;

Il-konsiderazzjonijiet hawn maghmula jwasslu ghar-rizultat illi l-kontenut finali ta' l-arrangamenti bejn il-partijiet hu dak milhuq bl-iskrittura u jekk allura l-appellant ma hax hsieb jippersegwi dak li seta' kien fl-intenzjoni jew il-motivi tieghu, minn imkien dedott jew esterjorizzat f' xi patt jew kundizzjoni tal-ftehim, ma ghandux hlief ilum lilu nnifsu. Jikkonsegwi illi ghad li l-impostazzjoni hi xi ftit differenti hawn, il-Qorti ma ssibx ragunijiet sufficjenti biex tiddiskosta ruhha mill-konkluzjoni finali ta' l-ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez ta' din l-istanza jitbatew ukoll mill-konvenut appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------